

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6100 – Gilde/Parcom/Gamma)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 357/10)

1. Fil-21 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li biha l-impriża Gilde Buy-Out Management Holding BV ("Gilde", il-Pajjiżi l-Baxxi) u Parcom Capital Management BV ("Parcom", il-Pajjiżi l-Baxxi) li jappartjenu lill-ING Group jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Gamma Holding NV ("Gamma", il-Pajjiżi l-Baxxi) billi jgħaqqu l-ishma tagħhom.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Gilde: ditta privata tal-investimenti tal-ekwità,
 - għal Parcom: ditta privata tal-investimenti tal-ekwità,
 - għal Gamma: żvilupp, manifattura u bejgħ ta' prodotti innovattivi u magħmulu mit-tessuti li jaġi kien għal diversi għanijiet u industriji.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet (²) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6100 – Gilde/Parcom/Gamma, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
 Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
 J-70
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 (“Avviż ta’ proċedura simplifikata”).